Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/381

23.1.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/381**

**tat-22 ta' Jannar 2024**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2111 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC rigward id-diżarm u l-kontroll tal-armi fix-Xlokk tal-Ewropa li jnaqqsu t-theddida ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u l-munizzjon tagħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2111 ([1]), li pprevediet perjodu ta' 48 xahar għall-implimentazzjoni tal-proġetti li jibda fid-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 3(4) ta' dik id-Deċiżjoni. Dik id-data ta' bidu tal-perjodu ta' implimentazzjoni kienet għalhekk l-1 ta' Frar 2020.

(2) Fis-6 ta' Diċembru 2023, il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti f'isem iċ-Ċentru tax-Xlokk u tal-Lvant tal-Ewropa għall-Kontroll tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SEESAC), li huwa responsabbli għall-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2111, talab estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2024.

(3) L-estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni għall-proġetti msemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2111 sal-31 ta' Diċembru 2024 ma għandha l-ebda implikazzjoni għar-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni.

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2111 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2111, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2024.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta Jannar 2024.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2111 tad-9 ta' Diċembru 2019 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC rigward id-diżarm u l-kontroll tal-armi fix-Xlokk tal-Ewropa li jnaqqsu t-theddida ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir illeċiti u l-munizzjon tagħhom (ĠU L 318, 10.12.2019, p. 147).